# IL-KOKKA

## Ta' EMANWEL P. ATTARD

Id-dar kellna kokka bbalzmata, il-ġmiel tagħha, li, kontra qalbna kellna neħilsu minnha. Kienet ilha sewwa għandna u, mill-għoli ta' librerija antika u mdaqqsa, b'dawk għajnejha kbar jibbru bid-dawl li kienu jarmu kont nisthajjilha ssaltan fuq l-istudju tiegħi u tgħasses għal xi ġurdien jew xi wiżgħa jew tnejn li jiftlilhom jixirfu ġo dak il-għamla ta' maqdes tiegħi fejn inqatta' bosta u bosta sigħat.

Kienet imtliet ftit jew wisq bit trab u l-għabra, xi rix beda jaqa' u jtir 'l hawn u 'l hinn — u m'oħti m hemmx ċajt, fitta għal mewt sobtu... Ftit kliem dwar li jenħtieġ titneħħa minn lokha għax mikrobi u mhux mikrobi ... daqshekk! U fi ħwejjeġ bħal dawn, ħbieb, f'ġieh kemm hemm ara li ma tmerux lin nisa tagħkom (martkom, ommkom u ħutkom il-bniet, anqas lis-sefturi tafux!) u tiftluhiex magħhom għax imqar ikun wieħed malajr jinbidlu f'amażonijiet Maltin!

Oħroġ il-għaġeb kważi kważi fil-kmamar kollha tad-dar ġieli lmaħt xi ġurdien ilebbet għal moħbietu — jew tal-inqas xi ġurdien li ħalla xi sinjal li kien iħuf 'il dik in-naħa — barra milli fl-istudju tiegħi.

Issa ninsab imħasseb sewwa: il-kokka m'għadhiex hemm u wisq nibża' li xi għafrid ta' ġurdien jibda jixref 'l hemm: dawk l-għajnejn għalkemm taż-żġieġ xorta kienu jarmu d-dawl u msammra fuq għajnejn il-ġurdien b'għajnejha li jwasslu 'l-bogħod u fil-għoli x'aktarx li xorta kienu jheddu, iwerwruħ u jbegħduh minn hemm.

Jekk ikolli ngħid ma kinux l-awturi l-kbar minn kull ġens, li kienu jwerwru lil xi ġurdien imqareb jew xi wiżgħa belha l-anqas ixxbihat tagħhom b'dik bixrithom serja — imma l-kokka bbalzmata. Aħsbu u araw ftit li kellha tkun ħajja tabilħaqq kemm aktar kienet twerwirhom...

Minn dejjem kelli x-xewqa li nara kokka ħajja u fuq tagħha minsuba fuq fergħa ta' xi siġra qadima u kbira għax taf tkun ġejja minn żmien il-Gran Mastru Antoine de Paule, f'xi masġar jew wied f'lejla sabiħa, imdawla minn qamar kwinta: lejla bħal dik li kienu jistennew is-sħaħar tal-Medju Evu huma u jiġbru l-ħxejjex biex isajru — jħalltu d-duwa ħalli jagħmlu magħmul fuq xi ħadd. Iżda b'xorti ħażina, bħal f'kemm-il ħaġa oħra matul din ħajti, s'issa dix-xewqa għadni ma qtajtha qatt, u ma nafx meta sejjer naqtagħha... Jiena aktar għandi minn Ġakobb milli minn Eżaw għax jiena aktar maqtugħ li nqatta' l-iljieli mistrieħ taħt friex sħun rieqed u noħlom b'dinjiet oħrajn inkella naqra xi ktieb sabiħ li jkun saħħarni, milli noqgħod niġġerra bil-lejl fl-imsaġar jew f'widien.

Il-kokk ħidmietu bil-lejl: f'dak il-ħin fid-dlam 'il bogħod mill-ħamba ta' l-ibliet kellhom swali tażżfin u każini tal-logħob mimlija dwal li jgħammxu l-għajnejn — hemm ikun fl-aqwa u fl-aħjar tiegħu. Mill-bqija kollu ta' xejn nittama li, jum fost l-oħrajn tiġi xi kokka u toqgħod tissindikani minn fuq xi ċint jew siġra tal-bitħa tiegħi jiena u naqra jew nikteb xi ħaġa... Karamba!

Jiena ma nafx iżda, jekk ikolli ngħid, m'intomx ħafna s-semmiegħa li ħsiltu rajtu kokka ħajja, jekk m'intomx tal anqas kaċċaturi. Qabel ma ħlisna mill-kokka bbalzmata — bħal kieku biex nagħtiha t-tislima ta' l-aħħar — qbadtha f'idejja u qgħadt nifliha daqsxejn. Għajnejha kif ġa għedt impressjonawni u sa llum, bosta żmien wara, dik ħarsitha baqgħet imwaħħla ġol-ġewwieni ta' moħħi bħal xbiha ta' xi ħadd fuq in-negattiva ta' ritratt ... Dawk għajnejha jibbru, jiddu fid-dlam jiena u nitqalleb biex norqod u nistrieħ u jixegħluli moħħi bil-fantasija li nisslet din l-istess kitba.

Minn xi daqqiet inqishom bħad-dawl ta' xi fanali, li għalkemm fil-bogħod sewwa, xorta waħda jidher jixgħel u jqawwi qalb in-nies fuq xi bastiment imħabbat bil-mewġ kbir ta' baħar imqalleb xi ħaġa huwa u jdur mal-Kap ta' Rieda Tajba fl-Afrika fi triqtu lejn l-Ewropa jew il-Lvant Imbiegħed...

Dawl għajnejn il-kokka bħal dak tal-fanal iqawwili qalbi passiġġier miskin fuq il-mirkeb ta' ħajti mqallba sewwa... Tgħid għalhekk l-istudenti universitarji tagħna għażlu lill kokka bħala għelm tagħhom: ħalli joqogħdu b'għajnejhom miftuħa beraħ għall kurrenti tat-tagħlim li għad jiswa lilhom f'ħajjithom u lil ħaddieħor? Kollox jista' jkun, ma nafx... Ma' l-istudenti mhux għalkemm wieħed ikun jaf fejn hu... Anqas ma' kokka...